MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 769/1997/1

John Carbonaro
vs
Direttur Stamperija tal-Gvern, Onorevoli Prim Ministru

Illum 11 ta' Novembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-31 ta' Ottburbu 1997 fejn ppremetta illi huwa garrab ingustizzja meta bejn l-1987 u l-1990 ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi huwa gie ttrasferit ghall-Istamperija tal-Gvern fil-1974. Fl-1989, meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Leading Printer, hargu sejhiet ghall-post ta' Press Inspector fid-Delivery and Despatch Section. Huwa applika u mar tajjeb fl-interview, u kien l-aktar applikant anzjan. Huwa kellu wkoll certa esperjenza, ghax ghal sittax –il sena

huwa kien Head of Section fid-Dipartiment tal-Istatistika, u ghamilha ta' 'Acting Press Inspector' fl-Offset Section fl-Istamperija tal-Gvern, u ghaldaqstant kellu esperjenza fil-produzzjoni u fil-management.

Illi ghall-post imsemmi intaghzel haddiehor li kien membru tal-UHM u kien inghata tahrig fis-sezzjoni tad-Delivery and Despatch qabel hargu s-sejhiet ghall- applikazzjonijiet, u deher li l-post kien inholoq ghal persuna imsemmija biss. Fil-fatt, b'dik il-promozzjoni, l-persuna mahtura spiccat biex kellha 'one man section' b'salarju tajjeb sal-ahhar tal-1990.

Illi r-rikorrent inqabez ingustament u tilef kull opportunita` li javvanza, u sofra dannu kemm fis-salarju, kif ukoll fil-pensjoni.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzja meta ma ntghazilx ghall-post ta' Press Inspector fid-Delivery and Despatch Section tal-Istamperija tal-Gvern fl-1990, u jiddikjara li r-rikorrent ghandu jitqies li nghata dik l-istess kariga mid-data msemmija, u li jigi kkumpensat kif jigi deciz ghal dak kollu li huwa tilef ingustament, kif ukoll li ssir aggustament fil-pensjoni tar-rikorrent, u fin-nuqqas ta' dan, li r-rikorrent jinghata kumpens fl-ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Stamperija tal-Gvern:

Illi preliminarjament, l-Onor. Prim Ministru mhux illegittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante dak li hemm provdut fl-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi l-appointment f'din il-kariga ssir mill-Public Service Commission li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza jekk kemm-il darba dan huwa permess mill-istess Att Numru VIII ta' l-1997 u mill-Kostituzzjoni.

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors ghandu dan li gej xi jghid:

Illi saret sejha nterna ghal post ta' Press Inspector fid-Delivery/Despatch Section u l-impjegati kollha ta' l-Istamperija li kienu fil-grad ta' Leading Printer setghu japplikaw. Ir-rikorrent kien wiehed mill-applikanti u kellu joqghod ghal Intervista minn Bord ta' Ghazla mahtur skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant, l-intimat issottometta:-

Illi l-Bord ta' Ghazla twaqqaf skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku

Illi l-promozzjonijiet fil-grad imsemmi mir-rikorrent ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita`

Illi l-Bord ta' l-Ghazla mexa skond il-proceduri u r-regolamenti tal-PSC.

Illi r-rikorrent ma nqabizx u ghaldaqstant ma jiggustifikax li jsir xi rimedju kif mitlub.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrent bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fir-risposta tieghu d-Direttur ta' l-Stamperija tal-Gvern eccepixxa preliminarjament li l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u iccita l-artiklu 181B tal-Kodoci tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan l-artiklu jghid fost affarijiet ohra li “l-Gvern ghandu jkun irraprezentat fl-Atti u l-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern f’din il-kawza huwa d-Direttur ta’ l-Istamperija tal-Gvern illi allura ghandu r-rapprezentanza ekslussiva tal-Gvern u m’hemmx ghalfejn jitharrek ukoll l-Onorevoli Prim Ministru. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li din l-eccezzjoni hija fondata ghal dak li jirrigwarda l-Onorevoli Prim Ministru li mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk jordna li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu rrizulta mill-provi li r-rikorrent kien gie trasferit fl-istamperija tal-Gvern fl-1974, fl-1989 u lahaq ‘Leading Printer’ u baqa’ f’dan il-grad sakemm irtira fl-1996. Irrizulta pero` illi r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol li jmur oltre l-grad tieghu peress li kien responsabbli mill-stores tad-Dipartiment. Xi zmien is-Segretarju Parlamentari Leo Brincat u d-Direttur ta’ dakinhar Pawlu Mifsud kienu ftehmu illi r-rikorrent isir ‘Inspector Stores’ biex tigi kkoreguta l-anomalija li kienet tezisti fil-konfront tar-rikorrent illi fi grad ta’ ‘Leading Printer’ kien qed jaghmel xoghol klerikali fl-stores li kien jinvolvi l-organizzazzjoni u l-immanigjar tal-merkanzija u stores kollha li kien jirrikjedi l-istamperiji tal-Gvern.

Meta mbaghad saret l-elezzjoni fl-1987 inbidel id-Direttur u sar Turu Pace li skarta l-ftehim li kien sar qabel u ntaghzel xi haddiehor mill-warehouse biex jokkupa l-pozizzjoni ta’ “Insprctor Stores”. Fi kliem ir-rikorrent a fol 15 “li gie ittrenjat biex isir Inspector fid-dispatch section.” Jirrizulta illi din is-section kienet “…one man section…” Ir-rikorrent qieghed jilmenta illi dik il-posting messa inghatat lilu minhabba d-doveri illi kien qieghed jaghmel u r-responsabbilita` li kien qed jerfa’ ferm oltre l-grad tieghu. Wara kollox kien sar ftehim mal-awtoritajiet ta’ allura illi jsir direct appointment u jinholoq il-post ta’ Inspector Stores, ukoll il-ghalhiex nhass il-bzonn illi jkun hemm bniedem tekniku fl-imhazen ta’ l-stamperija. Ir-rikorrent kien ser ikun kuntent b’dan l-arrangament li pero` kif inghad, inbidel totalment mal-bidla tal-Gvern. Il-persuni li xehdu

f’din il-kawza Turu Pace, Joseph Mallia, Arthur Pace, Paul Mifsud ma tantx jiftakru dwar dan il-kaz biss jghidu illi jafu li kien hemm dan il-ftehim pero` ma giex attwat. Pawlu Mifsud a fol 47 li kien responsabbli mill-stamperija tal-Gvern jaf li kien kiteb biex jinholoq il-post tal-‘Stores Inspector’ fl-stores section pero` ma jafx aktar x’gara.

Joe Scicluna a fol 53 jaghti aktar informazzjoni u jghid li kien impjegat ma’ l-stamperija tal-Gvern mill-1970 sa l-1995 u l-post ta’ ‘Inspector Stores’ kien ilu jinhass mill-1976/1977, kif tixhed il-korrispondenza bejn Lawrence Farell u l-Unions. Matul iz-zmien, baqghu jistennew li tohrog applikazzjoni ghal Press Inspector izda din baqghet ma saritx. Gejtu Schembri li kien Kap ta’ l-Stamperija kien jghid illi r-rikorrent ma seta’ qatt jiehu din il-promotion peress li kien mizzeweg it-tifla ta’ oht il-Perit Mintoff allura l-Prim Ministru u minhabba din il-palentela l-Prim Ministru ma riedx jigi akkuzat b’nepotizmu. Hi x’inhi l-vera raguni, r-rikorrent baqa’ fl-istess pozizzjoni fejn kien tul dan iz-zmien kollu. Fl-ahhar meta imbaghad inbidel il-Gvern, inbidel ukoll id-Direttur, inbidel il-hsieb ta’ kif tigi mmanigjata l-stamperija saret call for applications, giet involuta l-Public Service Commission saret bord ta’ l-ghazla, saru l-interviews illi ssottometta ghalih ukoll ir-rikorrent pero` l-post ma giex moghti lilu u minflok hadu Gejtu Camilleri. Fil-process irrizulta l-marki illi gabu l-kontendenti rispettivi: Camilleri gab 77 punt mentri r-rikorrent gab 74. Dan juri illi kien hemm ftit differenza bejniethom pero` peress illi kien hemm pozizzjoni wahda biss, naturalment dak li gie l-ewwel kellu d-dritt li jiehu dik il-posting.

Joe Scicluna jkompli jghid illi r-rikorrent “ma setax ikollu success ghal dak il-post propju ghax kien f’sezzjoni totalment differenti.” It-Tribunal jirrileva li dak iz-zmien il-GWU kienet qed tiggieled biex jilhaq xi hadd bhala Press Inspector fl-stores u mhux fil-warehouse section. Il-ftehim li kien intlahaq fis-snin tmenin ukoll gie konfermat Joseph Baldacchino a fol 55 li kien membru tal-GWU Group Committee. Jiftakar li l-union kienet insistiet li jkun hemm persuna teknika fl-stores u d-Direttur ta’ dak iz-zmien Paul Mifsud li kien konsultat, kien qabel illi l-post ta’ Press

Inspector jigi mimli mir-rikorrent permezz ta' "direct recommendation." Wara illi nbidel il-Gvern dan is-suggeriment ma baqax aktar attwat u saret persuna ohra.

Alfred Vella li kien is-Segretarju tat-Taqsima tal-Gvern GWU irrikonoxxa li r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu u jithallas anqas ghax-xoghol li kien qed jaghmel, kellu laqghat mal-Principals u l-Establishments fejn qalu li kien kaz anomolu u saret proposta li ssir direct appointment. Normalment hu jkun kontra li jsir dan, pero` minhabba dan il-kaz partikolari hu kien issugerixxa li jsir "direct appointment" liema suggeriment kien intlahaq mill-establishment u mid-Direttur u l-Principal ta' dak iz-zmien. Ghall-ewwel kien hemm oggezzjoni mill-Finanzi pero` sar ftehim li l-appointment isir sena wara meta jigu ibbagitjati l-flus ghal gradi l-godda. Sadanittant lehqet saret il-bidla tal-Gvern u ma sar xejn.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, t-Tribunal jirikonoxxi li r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol siewi fl-stores ta' l-stamperija tal-Gvern illi kienu qed jigu manigjati b'mod professjonali minnu bil-grad ta' leading printer grad illi kien inferjuri ghax-xoghol li kien qed jaghmel. Fuq hawn biss it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu dritt li jkun kompensat pero` mhux sew li persuna tittamah dan iz-zmien kollu biex imbaghad meta jasal il-mument illi jiehu l-pozizzjoni din tinghata lil haddiehor. It-Tribunal mhuwiex qed jiddubita mill-process tal-Public Service Commission u n-nies illi kienu fuq il-bord. Dawn ghamlu x-xoghol taghhom, ezaminaw il-kandidati li kellhom quddiemhom u waslu ghal konkluzjoni li fi sfond tac-cirkostanzi li kienu qed joperaw huma, l-ahjar wiehed kellu jkun Emidio Camilleri. Veru li bejn Emidio Camilleri u r-rikorrent ftit kien hemm differenza u facilment l-ghazla setghet tmur naha jew ohra pero` la darba huma waslu ghal konkluzjoni illi Emidio Camilleri lahaq l-ahjar punti allura bir-ragun Emidio Camilleri ha l-posting li kellu jiehu.

Pero` l-anomalija li kienet tezisti fil-konfront tar-rikorrent baqghet. Huwa baqa' fl-stores kien qed jaghti kontribut siewi u jaghmel xoghol oltre l-grad tieghu. Veru illi l-Gvern fi snin sebghin u tmenin qadt jittituba zzejjed sabiex jiddeciedi li johloq il-post ta' Inspector Stores, u jekk kien hemm xi nuqqas f'din il-vicenda l-bidu ried jigi attribwit lil Gvern ta' dak iz-zmien illi ma hax il-passi mehtiega sabiex jirranga l-anomalija li kienet tezisti u halla sa l-ahhar sabiex tigi attwata soluzzjoni illi eventwalment ma gietx. Mal-bidla tal-Gvern id-Diretturi l-godda ma hassewhomx marbuta mal-ftehim li sar fl-amministrazzjoni precedenti u ghalhekk dehrilhom li l-pozizzjoni ta' Inspector Stores ma kelliex ghalfejn tigi konsidrata u minflok holqu pozizzjoni ohra "Inspector Delivery & Dispatch." Min ha din il-promotion Emidio Camilleri spicca biex avvanza fil-karriera tieghu mal-Gvern sakemm lehaq il-grad ta' Assistant Director grad illi forsi kien jiehu r-rikorrent li kieku baqa' javvanza kif suppost kellu jaghmel. It-Tribunal allura jirrikonoxxi illi saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent John Carbonaro meta dan ma nghatax il-promozzjoni ghal Inspector Stores. Stante li llum ir-rikorrent huwa penzjonant mhux il-kaz illi jordna li din il-promotion tinghata lilu u minflok jghaddi biex jaghmel il-kumpens li jidhirlu li huwa xieraq skond ic-cirkostanti biex itaffi xi ftit ingustizzja li sofra r-rikorrent u ghalhekk jiddeciedi li l-intimat Direttur Stamperija tal-Gvern ghandu jhallas lir-rikorrent John Carbonaro is-somma ta' Lm2000. Spejjez li jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------